

Limassol, 17 ta' Diċembru 2009

Dok: MB/77/2009/D

**DEĊIŻJONI DWAR REGOLI GĦALL-KALKOLU TA' AMMONTI
U FLASIJET BIL-QUDDIEM LI GĦANDHOM JIŦĦALLSU FIR-
RIGWARD TA' ĠBIR TA' EVIDENZA FI PROĊEDURI TA'
APPELL QUDDIEM IL-BORD TAL-APPELL TAL-AĠENZIJA
EWROPEA GĦAS-SUSTANZA KIMIĊI**

(Deċiżjoni tal-Bord Amministrattiv)

DEĊIŻJONI DWAR REGOLI GĦALL-KALKOLU TA' AMMONTI U ĦLASIJET BIL-QUDDIEM LI GĦANDHOM JIĦHALLSU FIR-RIGWARD TA' ĠBIR TA' EVIDENZA FI PROĊEDURI TA' APPELL QUDDIEM IL-BORD TAL-APPELL TAL-AĠENZIJA EWROPEA GĦAS-SUSTANZA KIMIĊI

IL-BORD AMMINISTRATTIV TAL-AĠENZIJA EWROPEA GĦAS-SUSTANZI KIMIĊI

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 771/2008 tal-1 ta' Awwissu 2008 li jstipula r-regoli ta' organizzazzjoni u proċedura tal-Bord tal-Appell tal-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (minn issa 'l quddiem ir-'Regoli ta' Proċedura'), u b'mod partikolari l-Artikolu 17 (3) tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell tal-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi dwar ir-regoli ta' implimentazzjoni dwar spejjeż fir-rigward ta' ġbir ta' evidenza fi proċeduri ta' appell (minn issa 'l quddiem "Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell"),

Billi:

- (1) Xhieda u esperti jistgħu jissejñu biex jidhru fi proċeduri quddiem il-Bord tal-Appell.
- (2) Xhieda u esperti li jissejñu minn u li jidhru quddiem il-Bord tal-Appell jistgħu ikunu intitolati sabiex jirċievu pagamenti relatati mal-ġbir ta' evidenza.
- (3) Huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti regoli għall-kalkolu tal-ammonti u ħlasijiet bil-quddiem li għandhom jiġhallsu lil xhieda u lil esperti li taw xhieda fi proċeduri ta' appell.
- (4) Bħala regola ġenerali, ħlasijiet għandhom isiru wara li x-xhieda jkunu taw ix-xhieda tagħhom u l-esperti jkunu qdew id-dmirijiet tagħhom. Madankollu jista' jsir rimbors bil-quddiem.
- (5) Dawn ir-regoli għall-kalkolu tal-ammonti u l-ħlasijiet bil-quddiem għandhom iqisu regoli komparabbli adottati qabel mill-Bord Amministrattiv u regoli komparabbli eżistenti f'oqsma oħrajn tal-liġi tal-Komunità,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1 **Ambitu ta' applikazzjoni**

Din id-Deċiżjoni tipprovdi regoli dettaljati għall-kalkoli tal-ammonti u ħlasijiet bil-quddiem li għandhom jiġhallsu lil xhieda u esperti li huma msejñin mill-Bord tal-Appell fuq inizjattiva tiegħu stess u li jidhru quddiemu sabiex jagħtu xhieda.

Artikolu 2 **Rimbors ta' spejjeż**

Il-Gwida għar-rimbors tal-ivjaġġar u tal-akkomodazzjoni u l-ħlas ta' benefiċċju ta' sussistenza lill-membri tal-Bord Amministrattiv, membri tal-Kumitat u tal-Forum u parteċipanti oħrajn mistednin sabiex jattendu l-laqqgħat tal-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA) (MB/59/2009 finali) għandhom japplikaw għall-ispejjeż rimborsabbli mġarrba minn xhieda u esperti fir-rigward ta' spejjeż tal-ivjaġġar u akkomodazzjoni meta jidhru quddiem il-Bord tal-Appell.

Artikolu 3

Kumpens lix-xhieda għal telf ta' qligħ

1. Il-kumpens pagabbli lil xhieda fir-rigward ta' telf ta' qligħ li hemm ipprovdut għalih fl-Artikolu 17(1) tar-Regoli ta' Proċedura għandu jiġi kkalkolat kif ġej:
 - (a) Jekk xhud huwa meħtieġ li jkun nieqes mix-xogħol għal perjodu totali ta' 12-il siegħa jew anqas, il-kumpens għat-telf ta' qligħ għandu jkun daqs parti minn sittin tal-ammont tal-paga bażika mensili ta' membru tal-personal tal-Aġenzija fl-anqas skala tal-grad AD 12.
 - (b) Jekk xhud ikun meħtieġ li jkun nieqes għal perjodu ta' aktar minn 12-il siegħa, ix-xhud għandu jkun intitolat għal flus ta' kumpens addizzjonali li jkun ugwali għal parti minn sittin tal-paga bażika li hemm referenza għaliha f'punt (a) fir-rigward ta' kull perjodu ieħor ta' 12-il siegħa li jinbeda.
2. It-tul tan-nuqqas meħtieġ, fl-iskop ta' dan l-Artikolu, jinkludi kemm il-ħin meħtieġ biex tingħata l-evidenza kif ukoll għall-ivvjaġġar bejn id-domiċilju jew sede tax-xhud u l-post fejn ikunu qed isiru s-seduti jew tingħabar l-evidenza.

Artikolu 4

Renumerazzjoni ta' esperti

1. L-iskala ta' renumerazzjoni stabbilita fl-Artikolu 5 ta' din id-Deċiżjoni għandha tapplika għal esperti li jissejġu mill-Bord tal-Appell fuq l-inizjattiva tiegħu stess u li jidhru quddiemu.
2. Ma għandhiex tiġi applikata renumerazzjoni lil esperti li huma membri tal-personal tal-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi.

Artikolu 5

Skala ta' renumerazzjoni

1. Esperti għandhom jiġu renumerati skont l-iskala li ġejja:

Renumerazzjoni għal kull ġurnata attwali ta' xogħol imwettaq	EUR 300
Renumerazzjoni għal dehra quddiem il-Bord tal-Appell	EUR 300

2. Ġurnata waħda ta' xogħol għandha tammonta għal 7,5 sigħat ta' xogħol. Espert imsejjaħ quddiem il-Bord tal-Appell għandu jiġi renumerat għal massimu ta' jumejn xogħol. L-esperti għandhom jipprovdut kont għas-servizzi tagħhom b'ġustifikazzjoni ddettaljata tax-xogħol li jkun sar.

Artikolu 6
Flasijiet bil-Quddiem

Fuq talba ta' xhud jew espert, ir-Registrar tal-Bord tal-Appell jista' jiddeċiedi li jingħata flas bil-quddiem f'forma ta' arranġamenti għall-ivjaġġar u għall-akkomodazzjoni imħallsin minn qabel għall-attendenza tiegħu fi proċeduri ta' appell. Kull tali arranġament għandu jsir skont il-Gwida għar-rimbors ta' spejjeż ta' vjaġġar u akkomodazzjoni u flas ta' benefiċċju ta' sussistenza lill Membri tal-Bord tal-Amministrazzjoni, Membri tal-Kumitat u tal-Forum u parteċipanti mistednin li jattendu għal laqgħat tal-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA)

Artikolu 7
Arranġamenti Kuntrattwali

Ir-Registrar tal-Bord tal-Appell għandu, bi ftehim mad-Direttur Eżekuttiv, jistabbilixxi l-arranġamenti kuntrattwali u amministrattivi meħtieġa bi qbil mar-regoli finanzjarji applikabbli għall-Aġenzija.

Artikolu 8
Reviżjoni

Il-Bord Amministrattiv għandu jirrevedi din id-Deċiżjoni sal-31 ta' Diċembru 2011.

Artikolu 9
Dħul fis-seħħ

Din id-Deċiżjoni għandha tidhul fis-seħħ fil-ġurnata ta' wara l-adozzjoni tagħha.

Magħmula f'Limassol, 17 ta' Diċembru 2009

Għall-Bord Amministrattiv
Il-President

iffirmata

Thomas JAKL